**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**David Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru: 420/18**

**Illum, erbatax (14) ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra David Xuereb detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 42873M akkuzat talli:

**Fil-15 ta' Gunju 2018 f'xi hin wara nofs in-nhar minn gewwa l-hanut 'Sun Sounds', Triq Blanche Hubert, Sliema:**

1. **Ikkommetta serq ta' flus kontanti (3,000 Euro) ghad-detriment ta Mark Anthony Vella u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur u l-persuna, liema ammont jeccedi is-somma ta elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);**

2. **Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghhom huwa nghata diversi helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex reati ta natura volontarja.**

**Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex l-ammont stabilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta Malta ai termini ta l-artikolu 579(2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma l-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja (8) ta' Lulju 2019 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li ghandha tinstab htija u cioe':-

1. Fl-Artikoli 261(c)(d); 267; 268; 279(b); 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 579(1) u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 2021 fejn inqraw l-Artikoli u fejn l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**<u>Ikkunsidrat</u>**:

Illi mix-xhieda tal-allegat vittma **Mark Anthony Vella** hareg illi dan kien ghamel rapport peress li kienu nsterqulu xi flus li kien jaghmilhom fis-suffett fil-hanut tieghu fi Triq Blanche Huber, Sliema bl-isem ta' Sun Sounds. Jghid illi peress li kellu bzonn jinstalla sistema ta' arja kundizzjonata. Dan jghid illi kkonsulta mal-kumpanija CAS u qalulu li fil-hmistax (15) ta' Gunju 2018 f'xi l-hamsa ta' waranofsinhar kellhom jibaghtu servejer sabiex jara l-post. Meta mar is-servejer li kien fil-fatt l-akkuzat, kien hemm kwistjoni ta' fejn ser jigi stallat il-kumpressur u l-unit ta' gewwa. Riedu jaraw jekk dan il-unit setax jitwahhal mas-saqaf fejn hemm suffett u ghalhekk gabu sellum sabiex l-imputat ikun jista' jitla' fuqu u jispezzjona l-post jekk hux stabbli bizzejjed. Huwa jghid illi f'dik il-parti kien hemm tlett elef ewro (€3,000) mohbija go borza tal-karti kannella. Ix-xhud jghid illi ghalkemm kien mal-imputat aljena rasu ghaliex kien fuq quddiem sabiex jiccekkja. Jghid illi ghal xi minuti hallieh wahdu izda kien hemm it-tfajla tieghu, sabiex dan imur min-naha l-ohra jurilu bit-torc. Meta spicca, dawn iddiskutew kif jista' jigi installat dan l-apparrat u ftit wara l-imputat telaq 'l hemm. Jghid illi mbaghad siegha wara mar biex igib dawn il-flus izda ma sabhomx. Dan jghid illi kien ra dawn il-flus dakinhar filghodu.

Xehdet ukoll l-gharusa tal-parte civile u cioe' **Remelda Rimidita** li kkonfermat il-lok u l-hin tal-allegat reat u spjegat illi dakinhar bhal kull gurnata hija fethet il-hanut fl-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30a.m.). Tghid illi dakinhar l-gharus taghha kien mar il-hanut waranofsinhar biex imbaghad ftit sighat wara gie l-imputat. Hija tghid illi l-hin kollu hija kienet mal-kompjuter u kull ma setghet tara kienu saqajn l-imputat meta kien fuq is-sellun. Hija tghid illi Mark kien mal-imputat il-hin kollu hlief meta Mark mar fuq quddiem tal-hanut biex jiccekkja xi haga. Din tghid illi aktar tard Mark ma setax isib il-flus li allegatament kienu f'dan is-saqaf. Hija tghid illi Mark kien qallha li filghodu qabel ma kienet marret hi kien mar il-hanut jghodd il-flus izda li din ma ratux b'ghajnejha.

Rat is-sentenzi ai fini tal-addebitu tar-recidiva Dokumenti JR6 u JR7.

Semghet lir-rapprezentant tal-kumpannija CAS **Glenn Mercieca** fejn ikkonferma li dakinhar tal-allegat reat l-imputat kellu jmur ghand il-parte civile sabiex jaghmel valutazzjoni tas-sistema tal-arja kundizzjonata fil-hanut tal-istess f'Tas-Sliema.

Rat ir-rapport tal-PIRS esebit minn **PS1033 Sandro Mangion** fejn hemmhekk ittiehdu l-ewwel noti meta l-parte civile mar jaghmel rapport. Fir rapport hemm imnizzel is-segwenti «*Vella Mark Anthony qal ukoll illi kemm dam dan il-persuna fil-hanut, hu qad mieghu u x'hin telaq mill-hanut dan ma nnota xejn fuqu suspettuz.*»

Semghet ir-registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali **Eunice Grech Fiorini** fejn din ikkonfermat illi a rigward is-sentenza moghtija mill-Magistrat Josette Demicoli (Dok JR6) din kienet giet inflitta multa u kienet thallset u s-sentenza Dok JR7 ma kinitx giet appellata.

**L-Ispettur John Spiteri** kkonferma l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fil-konfront tal-imputat li jinsabu in atti a fol. tnejn u sebghin (72) tal-process.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (QA Krim deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

***"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.***

***Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:***

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit*

*et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> ***"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".***

Dan qed jinghad ghaliex din il-kawza hija bbazata biss fuq il-kelma tal-parte civile u l-istqarrija tal-imputat li nnega kompletament il-fatt. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-prosekuzzjoni fejn issottomettiet illi l-provi cirkostanzjali jippuntaw biss ghall-kolpevolezza tal-imputat ghaliex dawn kienu provi li verament kienu fjakki.

Dak li hareg apparti l-verzjonijiet tal-partijiet hu li l-imputat kien imqabbad mill-kumpanija fejn kien jahdem, sabiex imur fil-post u jara kif is-sistema tal-arja kundizzjonata setghet tahdem. Illi l-parte

civile kien jaf minn qabel li dan kellu jmur f'dik id-data u l-hin u fejn allura tistaqsi, jekk dan kellu dawn il-flus mohbija fis-suffett, kif ma nehhihomx minn qabel sabiex jaghmilhom f'post sigur. Ghaliex hija xi haga ovvja illi jekk post ghandu suffett, il-pajpijiet li jridu jigu mghoddija ghal din is-sistema tal-arja kundizzjonata, ghandhom jghaddu minn hemm. Kif allura wkoll meta l-hin kollu, jew kwazi l-hin kollu, li kien hemm xi hadd hdejn l-imputat, il-parte civile jew l-gharusa tieghu ma semghux thaxwix ta' din il-borza kontenenti dawn il-flus. Din il-Qorti ma hijiex konvinta mill-verzjoni tal-parte civile ghaliex fil-verzjoni tieghu mnizzla fir-rapport tas-Surgent huwa kien qal illi kien mal-imputat il-hin kollu u ma kien ra xejn suspettuz fih mentri taht gurament huwa qal illi hallieh ghal xi minuti biex mar in-naha l-ohra tal-hanut sabiex jurilu bit-torc u jghid ukoll illi l-imputat kien telaq mghaggel. Liema verzjoni minn dawn ghandha tiehu konjizzjoni din il-Qorti?

Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex iggib evidenza cirkostanzjali bizzejjed konkreta sabiex il-kaz taghha jkun ippruvat oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Illi l-Qrati nostrani kellhom l-okkazzjoni jiddibattu fuq il-kwistjoni ta' circumstantial evidence fejn gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 fejn gie ddikjarat is-segwenti:

***"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.***

***L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-***

*raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista'*

***tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."***

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

***"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx***

***wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."***

Illi gialadarba din il-Qorti ma hijiex ser issib htija fuq l-ewwel akkuza u cioe' ta' serq u gialadarba t-tieni (2) akkuza hija konsegwenzjali ghall-ewwel (1) akkuza, dan ghandu jigi liberat ukoll minn din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **David Xuereb** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minn kull osservanza.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**